MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 731/1995/2

**Rose mart Harry Alden, f'isimha *proprio* u ghan-nom ta' huha it-Tabib Dottor Joseph, ahwa Pace u Suor Marlene Pace, ghal kull interess li jista' jkollha**

**Vs**

**Raphael Pace**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-atturi Rose Alden, it-Tabib Joseph Pace, rapprezentat mill-attrici f'din il-kawza, il-konvenut Raphael Pace, u Suor Marlene Pace, ilkoll ahwa Pace, huma l-eredi tal-beni tal-genituri taghhom devolut wara l-mewt ta' missierhom, Joseph Pace, u din in forza ta' testment

*unica charta* datat 24 ta' Marzu 1982, u nsinwat fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Sciberras, anness ma' l-att tac-citazzjoni u markat bhala Dokument "A", liema mewt ta' missier il-kontendenti sehhet fit-22 t'Awissu 1990;

Premess illi omm il-kontendenti kienet mietet fit-13 ta' Jannar 1947 u s-successjoni taghha kienet regolata bil-ligi;

Premess illi in forza tas-sucitat Testment il-konvenut inghata b'titolu ta' prelegat id-dar bla numru jisimha "Ramon", fi Triq Reggie Miller, Gzira, bl-obbligu li l-istess konvenut prelegatarju jhallas lit-tliet hutu l-ohra, tliet kwarti tal-valur li bih tigi stmata din l-istess dar minn Perit approvat mill-erba' ahwa Pace;

Premess illi l-attrici f'isimha *proprio* u ghan-nom ta' huha it-Tabib Dottor Joseph Pace, interpellat diversi drabi lill-konvenut sabiex jaccetta illi jsiru l-prattiki mehtiega sabiex issir din il-valutazzjoni tad-dar in kwistjoni, anke permezz ta' ittra legali datata 13 ta' Mejju, 1994, izda huwa baqa' inadempjenti;

Premess illi fil-fehma ta' l-atturi ghadda zmien bizzejjed mill-mewt ta' missier il-partijiet sabiex il-konvenut jaddivjeni ghall-valutazzjoni tad-dar imsemmija, u l-atturi ghandhom interess li d-dispozizzjonijiet testamentarji ta' missierhom jigu mplimentati;

Talbu ghalhekk l-atturi *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tistabbilixxi l-valur tal-fond "Ramon", Triq Reggie Miller, Gzira, permezz ta' l-operat ta' periti nominandi, ghall-finijiet tal-valutazzjoni ta' l-istess fond fit-termini ta' l-istess legat kif premess;

2. Tipprefiggi terminu qasir u perentorju sabiex il-konvenut ihallas is-sehem spettanti lill-atturi mill-valutazzjoni ta' l-istess fond;

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal ta' l-udjenza ta' l-24 ta' Novembru 1995 fejn il-konvenut kontumaci iddikjara li huwa kien jaqbel illi kellha ssir stima tal-fond in kwistjoni u kien jaqbel ukoll illi kellu jhallas tlett kwarti mill-valur tieghu lill-atturi;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Novembru 1995 li permezz tieghu gie nominat bhala perit tekniku AIC Michael A. Refalo biex jaghmel stima tal-fond in kwistjoni; kif ukoll dak tad-9 ta' April 1997 li bih gie sostitwit l-perit nominat bl-AIC David Pace fl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku li tinsab a fol. 40 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza ta' l-1 ta' Lulju 1998;

Rat in-nota ta' cessjoni ta' l-atturi t-Tabib Joseph Pace u Suor Marlene Pace pprezentata fl-14 ta' Lulju 1999;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Marzu 2003 fejn giet michuda talba tat-Tabib Joseph Pace biex jintervjeni fil-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Il-kawza taht konsiderazzjoni tikkoncerna l-interpretazzjoni u l-ezegwibilita` tal-prelegat imholli lill-konvenut bil-hames artikolu tat-testment *unica charta* ta' Joseph u ta' Mary

konjugi Pace datat 24 ta' Marzu 1982 atti Nutar Joseph Sciberras (fol. 7);

Kif jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Marianna Mallia *et* -vs- Sindaco Dr. Giuseppe Falzon *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 29 ta' April 1884, "*quando vi sono piu` eredi si puo` lasciare ad uno di essi una cosa speciale in preferenza degli altri, il che e` cio che chiamasi prelegato, per modo che l' erede preferito con questo titolo, come legatario, acquista solamente cio` che i coeredi gli devono, e come erede acquista cio`, che era dovuto a se stesso*";

L-artikolu testamentarju in diskussjoni jipprovdi testwalment dan:-

"Ukoll b'titolu ta' prelegat ghal wara l-mewt ta' l-ahhar wiehed fosthom, l-istess kontestaturi mizzewgin Pace ihallu lil Raphael Pace u bis-sostituzzjoni ta' uliedu, id-dar li qeghda l-Gzira, Reggie Miller Street, bla numru jisimha "Ramon" u mhux inkluzi l-passagg u l-erba' garages tahtha - bl-obbligu espress li dan l-istess prelatarju jhallas ghal darba wahda biss lit-tlett (3) hutu l-ohra Rose Alden, Dottor Joseph u Sister Marlene, ahwa Pace, flimkien bejniethom, u fi zmien hames snin mill-mewt ta' l-ahhar fost il-kontestaturi u minghajr interessi, tlett kwarti (3/4) tal-valur li biha tigi stmata din l-istess dar minn Perit approvat mill-erba' (4) ahwa Pace, fl-iqsar zmien possibbli wara l-mewt ta' ahhar fost l-istess kontestaturi."

Dak li hu bil-wisq evidenti huwa l-fatt illi l-erba' eredi, kompriz il-konvenut, ma qablux bonarjament sabiex minghajr l-intervent tal-Qorti jiftehmu dwar il-valutazzjoni tal-fond jew ix-xelta ta' l-Arkitett ghal dan l-istess skop, anke jekk strettament l-azzjoni giet intavolata meta ma kienux ghadhom iddekorrew il-hames snin kif fid-disposizzjoni testamentarja stabbilit;

Ic-citazzjoni lanqas ma tghid jekk il-konvenut accettax il-prelegat lilu mholli wara l-mewt ta' l-ahhar fost il-

kontestaturi, li mietu rispettivament fit-22 ta' Awissu 1990 (fol. 16) u fl-10 ta' Jannar 1984 (fol. 18). Ghal dan naturalment tissupplixxi l-ligi. Din fis-sens li "fil-kaz ta' legat japplikaw l-istess regoli dwar l-accettazzjoni tieghu li mil-ligi huma mposti ghall-accettazzjoni ta' eredita`" - "**Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto -vs- Nobbli Charles Vella Bonavita *et nomine***", Appell Civili, 29 ta' Mejju 1967. Ghalhekk, bl-operat ta' l-Artikolu 850 (1) tal-Kodici Civili, l-accettazzjoni ta' legat tista' tkun sew espressa kif ukoll tacita. Ghalhekk ghandu jkun prezunt li l-konvenut odjern, li baqa' kontumaci, accetta tacitament il-prelegat tal-fond lilu hekk imholli;

Dan premess, hi norma principali fit-testmenti illi wiehed ghandu jirrikorri ghall-interpretazzjoni letterali. "*Ove le parole del testamento siano per se stesse chiare, non e` lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso; la disposizione deve restare quella che le parole del testamento importino*' - "**Carmelina Mifsud *et* -vs- Matilde Pullicino *et***". 13 ta' Gunju 1888 (**Vol. XI pag. 633**). Fl-istess sens huma d-decizjonijiet fl-ismijiet "**Nutar Albert E. Micallef *et* -vs- Marietta Tonna**", Appell Civili, 30 ta' Ottubru 1950 u "**Farmacista George Mallia -vs- Carmela Mallia**", Appell Civili, 18 ta' Marzu 1957;

Ma jkunx inopportun li jigi precizat ukoll illi "*quantunque sia regola che 'non mens verbis sed verba menti servire debent', tuttavia anche nel caso di urto tra le parole e lo spirito della disposizione l'interprete non deve allontanarsi dalla lettera pero fondarsi su cio` che egli ritenga essere stato l'intenzione del testatore o dei contraenti, ma vi sara` luogo solo a tale interpretazione nel caso che la lettera sia oscura, per se` stessa o messa in confronto con tutto il contesto*" - "**Camilla Mallia -vs- Carlo Mamo *et***", Appell Civili, 2 ta' Mejju 1921 (**Vol. XXIV P I p 729**);

Ghal din il-Qorti l-kliem tad-disposizzjoni testamentarja *de qua* jesprimu b'mod car u espress il-volonta` tal-kontestaturi. U allura "*e` necessario riconoscerla nelle*

*stesse parole e non immaginarla, o crearla, e quindi non si dee indagare quale sarebbe stata la migliore disposizione in astratto, ma limitarsi all'esame della volonta` espressa*" (**Vol. X pagna 457**);

Fil-kaz taht konsiderazzjoni ezami bhal dan ghandu, fil-fehma tal-Qorti, iwassal ghal kostatazzjoni illi dak li l-kontestaturi riedu jhallu lill-konvenut fil-prelegat imsemmi hi d-dar, eskluz il-passagg u l-erba' garages. Il-kliem adoperati huma bizzejjed cari u univoci. Li jfisser illi kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenut, ghallanqas minn dak rakkolt f'paragrafu 11 tar-relazzjoni peritali, dan ma jistax jippretendi illi oltre d-dar hemm inkluza fil-prelegat bicca art ukoll, ammenokke ma jkunx hemm il-kunsens shih ta' l-eredi dwar dan;

Dan ghaliex kif drabi ohra osservat "meta l-legat ghandux jigi ammess jew eskluz l-interpretazzjoni ghandha tkun favur il-legatarju, izda meta tkun dwar l-estensjoni jew kwantita` tal-legat, l-interpretazzjoni ghandha tkun favur l-eredi" - "**Carmelo Said *et* -vs- Nutar Dr. Giuseppe Cauchi**", Appell Civili, 20 ta' Ottubru 1958; "**Giovanna Carabott -vs- Generoso Carabott *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 29 ta' Novembru 1947;

Fin-Nota ta' sottomissjonijiet taghha l-attrici Rose Alden taqbel li l-porzjoni ta' quddiem il-fond imholli b'legat, hekk formanti parti integrali mill-*front garden* ta' l-istess dar prelegata ghandha tittiehed in konsiderazzjoni fil-valutazzjoni tal-fond. (Ara Nota ta' sottomossjonijiet taghha a fol. 48.) Qbil dan li donnu jsib riskontru fil-fehma espressa mill-konvenut lill-perit tekniku li vvaluta l-fond;

Id-diffikolta` li ghandha din il-Qorti biex tikkonferma bid-debita akkoljiment din il-konkordanza ta' qbil bejn l-imsemmija attrici u l-konvenut tinsorgi mill-fatt illi z-zewg eredi l-ohra u cjoe l-atturi t-Tabib Dottor Joseph Pace u Suor Marlene Pace, iddecidew *pendente lite* li jcedu l-interess taghhom fil-kawza. Dan skond in-nota ta' cessjoni taghhom a fol. 51 tal-process;

Biex tevita impasse fuq din il-materja l-Qorti jidhrilha li jkun opportun jekk taddotta l-kriterji li thalli f'idejn il-konvenut ix-xelta, anke ghaliex il-fehma espressa minnu lill-perit tekniku ma tinsabx guramentata, jekk ghandux jopta ghall-valur tad-dar biss stmata tmienja u tletin elf lira (Lm38000) jew komprensiva tal-pjena proprjeta` tal-bicca art, fejn allura l-istima tad-dar u l-art kif raggunta mill-perit hi dik ta' sebghin elf lira Maltija (Lm70,000). B'dan il-mod ikun fil-liberta` li jasal fl-arrangament li jidhirlu li l-aktar jghodd ghall-mezzi tieghu mal-ko-eredi l-ohra hutu, li issa, ghar-ragunijiet gja premessi, ma ghadhomx aktar in kawza.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi bl-akkoljiment ta' l-istejjem tal-Perit David Pace tistabilixxi l-valur tal-fond "Ramon", Triq Reggie Miller, Gzira, eskluza l-bicca art, fl-ammont ta' tmienja u tletin elf lira (Lm38,000) jew sebghin elf lira (Lm70,000) ghad-dar u ghall-istess bicca art flimkien;

Tilqa' t-tieni domanda billi tillikwida s-somma spettanti lill-attrici Rose Alden in korrispondenza tal-kwart (1/4) sehemha fl-ammont ta' disat elef u hames mitt lira Maltija (Lm9500) jew sbatax-il elf u hames mitt lira Maltija (Lm17,500) skond liema miz-zewg stejjem fuq indikati l-konvenut jopta li jaghzel. Il-konvenut ghandu fi zmien xahrejn minn meta jigi notifikat bil-miktub mill-imsemmija attrici bl-ezitu tal-kawza jiddikjara liema jaccetta miz-zewg proposti u stejjem fuq indikati. Fl-istess zmien ukoll ghandu jivversa lill-attrici l-ammont korrispondenti skond l-ghazla li jaghmel u cjoe disat elef u hames mitt lira (Lm9500) jekk ghad-dar biss jew sbatax-il elef u hames mitt lira (Lm17,500) ghad-dar u l-bicca art flimkien;

Billi jinhass opportun illi l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat u ta' l-ghazla li trid issir u tal-prova tal-hlas ikunu nkorporati f'kuntratt din il-Qorti qed tinnomina lin-Nutar Joseph Sciberras biex jippubblika l-kuntratt opportun.

L-ispejjez tal-kawza, in vista tal-konsiderazzjonijiet kollha suesposti, kif ukoll dawk ta' l-eventwali kuntratt ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------